***- Revoka ta' Mandat Esekuttiv ; Art. 283 A tal-Kap 12 -***

***- Ezercizzju ta' xjenza jew arti -***

***- Interpretazzjoni ta' arti jew "art" -***

***- Artikolu 304 (d) Kap 12.-***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru: 2**
**Rikors Numru: 973/2001/RCP**

**Wara l-atti tal-Mandat Numru 1247/2001/NS fl-ismijiet:-**

**Attard Blue Mix Concrete Supplies Company Limited.**

**vs**

**Pilastri Construction Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` intimata Pilastri Construction Limited a fol. 1 tal-process fejn talbet li din il-Qorti:-

(1) Tirrevoka l-imsemmi mandat bin-numru u fl-ismijiet premessi;

(2) Taghti kull provediment iehor li jidrilha xieraq.

Illi din ir-revoka tal-istess Mandat ta' Qbid Esekuttiv, liema mandat kien mahrug inforza ta' sentenza fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Marzu 2001 (Citaz. Numru 149/01/AJM) ghas-sorte, interessi u spejjez gudizzjarji fl-ammont ta' Lm26,934.38, qed tintalab fuq procedura *ai termini* tal-**artikolu 283 A tal-Kap 12** stante li l-istess socjeta' intimata qed tallega li l-istess mandat inhareg fuq *crane* li jinsab il-Hyperion Hotel, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar *(Potaine Tower Crane Number SP 58)* liema proprjeta' tifforma parti mill-ghodda necessarji sabiex is-socjeta' tkompli l-operat taghha u ghalhekk tali ingenji ma humiex soggetti ghall-qbid skond il-**paragrafu (d) tal-artikolu 304 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti datat l-1 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 2001 fejn Dr. Patrick Galea ta ruhu notifikat ghar-rikorrenti bl-avviz tal-appuntament tar-rikors u Dr. Stephen Thake ta' ruhu

notifikat bid-Digriet tal-Qorti datat l-1 ta' Gunju 2001 u ddikjara li jopponi ghat-talba tal-intimat stante li l-**artikolu 304 (d) tal-Kap 12** isemmi oggetti ghal kollox distinti u differenti mill-*crane* li fuqu saret l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid.

Rat l-istess verbal fejn ir-rikors gie differit ghall-provvediment finali ghat-12 ta' Lulju 2001, bil-fakolta' lir-rikorrenti sabiex fi zmien hmistax tipprezenta nota ta' riferenzi bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu hmistax-il gurnata biex jirrispondi.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-istess rikors inkluz il-Mandat ta' Qbid mertu ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija procedura *ai termini* tal-**artikolu 283 A tal-Kap 12,** fejn min jinhareg kontrih att esekuttiv jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget dak il-mandat fejn jintalab li l-istess mandat jew att esekuttiv jigi mhassar sew ghal kollox jew parti minnu u dan ghar-raguni valida fil-ligi.

Illi r-raguni migjuba mis-socjeta' intimata ghar-revoka tal-istess Mandat ta' Qbid *de quo* hija li qed isostni li l-*crane* li gie effettivament indikat fir-riferta tal-Marixxal huwa wiehed mill-oggetti indikati bhala *"li mhux*

*suggetti ghal qbid"* skond l-**artikolu 304 (d) tal-Kap 12** li jipprovdi li jelenka is-segwenti oggetti:-

*"il-makni u l-ghodda mehtiega ghat-taghlim jew ghall-ezercizzju tax-xjenza jew ta' l-arti tad-debitur jew tat-tfal tieghu".*

Illi bil-versjoni ingliza l-istess oggetti mhux soggetti ghall-qbid skond l-istess **artikolu 304 (d)** huma hekk deskritti:-

*"tools and implements necessary for the instruction in or the exercise of any science or art of the debtor or of his children".*

Illi skond il-**"Maltese - English Dictionary"** ta' Joseph Aquilina il-kelma arti hija mfissra bhala *"art, skill, craftsmanship"* u ghalhekk jidher car li dak li qed jigi prottett fl-istess disposizzjoni tal-ligi, ma humiex l-ghodda mehtiega ghax-xoghol izda biss l-ghodda u l-magni li huma essenzjali ghat-taghlim jew ezercizzju ta' xjenza jew arti tad-debitur jew uliedu, u arti hija mehuda fis-sens ristrett taghha ta' xoghol artistiku iktar minn sengha *ut sic.* Illi dan johrog car mill-konnotati kollha tal-istess sub'artikolu li qed jirreferi ghat-taghlim u esercizzju ta' xjenza, apparti l-arti, u ghalhekk jikkonprendi wkoll lill-persuna mhux biss tad-debitur izda wkoll lit-tfal tieghu.

Illi ghalhekk il-konkluzzjoni logika tal-istess interprettazzjoni hija li dak li qed jigi protett huma

dawk l-oggetti necessarji ghall-istruzzjoni u ezercizzju tax-xjenza u arti u mhux l-ghodda anke jekk necessarji ghax-xoghol u ghall-ezercizzju tal-kummerc jew attivita' kummercjali tad-debitur, f'dan il-kaz kumpanija li hija involuta f'xoghol jew produzzjoni tal-materjal ghall-kostruzzjoni jew accessorju ghall-tali attivita'.

Illi certament li taht dan l-aspett *crane* lanqas jikkwalifika bhala magna necessarja ghall-ezercizzju tal-arti, igebbed kemm igebbed is-sinfikat tal-kelma *"arti".*

Illi fil-fatt dan is-sinifikat tal-istess subartikolu huwa wkoll konfortat mis-subartikoli l-ohra tal-istess **artikolu 304** fejn l-oggetti l-ohra li huma mhux suggetti ghall-qbid huma partikolari ghall-ezercizzju ta' professjoni jew biedja u ohrajn mehtiega ghall-ghajxien tad-debitur u tal-familja tieghu (apparti persuni hemm imsemmija) u ghalhekk jidher car li l-iskop tal-istess artikolu huwa wiehed restrittiv intenzjonat sabiex jipprotegi l-minimu necessarju ghall-ghajxien dicennti anke fid-dinja moderna, inkluz dokumenti necessarji ghall-professjonijiet imsemmija, u taghlim u ezercizzju tax-xjenza u arti u certament ma jirreferix ghall-ezercizzju ta' attivitajiet kummercjali u l-oggetti maghhom relattati.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' intimata ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited kif indikata fil-verbal tal-5 ta' Gunju 2001, **tichad it-talba tas-socjeta' intimata Pilastri Construction Limited kontenuta fir-rikors taghha tal-31 ta' Mejju 2001** bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, anke ghaliex ma ghandha ebda fondament guridiku u legali.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' Pilastri Construction Limited.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**12 ta' Lulju, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju, 2001.**